

# Inġeddu flimkien

**Ryan Micallef**
*Chairperson, Kummissjoni Żgħażagħ*



Ħbieb, il-festa reġgħet magħna u għalhekk kif għaddiet sena oħra, erġajt ninsab nikteb kelmtejn qosra għal żmien il-festa f'dan il-ktejjeb. Però, għall-kuntrarju ta' snin preċedenti, din is-sena ser inkun qed inwassal dan il-messaġġ f'isem iż-żgħażagħ fi ħdan is-soċjetà. Minn qalbi nsellem lill-predeċessur tiegħi, u filwaqt li nirringrazzjah tax-xogħol tiegħu, nawguralu iżjed xogħol ta' fejda fi ħdan l-amministrazzjoni tal-għaqda tagħna.

Spiss nieqaf u nirrifletti fuq min hu ż-żagħżugħ/a fis-soċjetà u x'jiswa. Filwaqt li nemmen illi kull individwu fis-soċjetà huwa importanti u għandu x'joffri, mill-iżgħar sal-ikbar fostna, naħseb illi ż-żgħażagħ jiddeterminaw il-futur ta' kwalunkwe soċjetà u għalhekk wieħed jista' jqisna bħala s-sinsla li ssaħħaħ il-forza ta' kull xorta ta' grupp fis-soċjetà, ikun xi jkun. Infatti, huwa ferm importanti li kull żagħżugħ/a jara li jimpenja ruħu sabiex iġedded u jaġġorna l-grupp li jifforma parti minnu mal-pass taż-żminijiet, kif ukoll jagħmel kull tibdil neċessarju li minnu tibbenefika s-soċjetà. B'hekk wieħed jista' jikkonkludi li ż-żgħażagħ huma l-muturi li jżommu s-soċjetà ħajja u progressiva.

Wisq probabbli ssib ħafna li jaħsbu li aħna ż-żgħażagħ ninvolvu ruħna biss fejn jappartjeni xogħol li jirrikjedi aktar l-aspett fiżiku, bħat-tqassim tal-ktieb tal-festa u l-ġarr tal-affarijiet neċessarji għal xi attività mużikali. Iva, dan ix-xogħol irid isir u kif! Però, apparti dan, il-preżenza żagħżugħa tinħtieg sabiex inkunu nistgħu niġbdu aktar żgħażagħ lejn il-każin filwaqt li nżommu qalb is-soċjetà tagħna żagħżugħa.

Sfortunatament, qegħdin ngħixu f'dinja ftit jew wisq mgħaġġla illi xejn ma tinkoraġġixxi liż-żgħażagħ sabiex jissieħbu f'għaqdiet bħal tagħna jew jitgħallmu l-mużika. Dan nifhmu, għaliex biex tibbilanċja l-istudji u forsi anke xi xogħol part-time mhux faċli, aħseb u ara kemm hu faċli biex wieħed isib ftit ħin liberu biex jiddedikah għall-volontarjat, realtà xejn faċli iżda reali. Però, nixtieq b'mod speċjali ninkoraġġixxi liż-żgħażagħ sabiex jissieħbu f'għaqdiet mużikali u volontarji bħal tagħna sabiex flimkien nippreservaw l-arti u l-kultura tagħna. Forsi hawn min qatt ma esperjenza s-sodisfazzjon li tħoss billi tagħti ħinek fil-volontarjat. Hawn min forsi jgħid li hu impenn ta' sagrifiċċju – u huwa vera – iżda jien naħseb li jekk dan isir bil-qalb, dan jissarraf f'sodisfazzjon kbir għal min ikun qed jagħmlu. Għalhekk minn hawnhekk inħeġġeġ lil kull min hu interessat sabiex jingħaqad magħna sabiex inkomplu nkabbru l-grupp tagħna. Is-sehem tagħkom jista' jagħmel differenza kbira.

Qabel nikkonkludi, nixtieq nirringrazzja u nuri l-apprezzament tiegħi lill-membri kollha tal-Kummissjoni Żgħażagħ tax-xogħol siewi li jagħmlu matul is-sena kollha. Ma nistax ninsa lill-ħbieb tagħna illi jgħinuna fl-attivitajiet illi norganizzaw matul is-sena. Grazzi ħbieb! Nagħlaq billi minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-poplu Mellieħi fl-okkażjoni tal-festa ad unur Marija Bambina.

Viva Marija Bambina u viva l-Banda Imperial!

**Interested in joining the Imperial Choir?**

*New Members Welcome!*

Contact us on

**info@imperialbandclub.com**


Nella's
BY ANTONELLA
TEL. 2152 2705 | 2752 2705 | MOB. 9989 8335
FORTIZZA STREET,MELLIEHA. ANTONELLAVELLA82@GMAIL.COM


&
TÀ DRONK
Wines, Spirits, Cigars & Tobacco
"Għamillom wieħed tal-festa!"
Miftuħin mit-Tnejn sas-Sibt,
għal kull bżonn tà xorb, spirti u minerali,
biex torganizza festin sabiħ bejn il-ħbieb!
Triq Borg Olivier, Mellieha • 21520883 - 99461433 - 99498855 • cvellasons@gmail.com





CAFE

# SUIGA

EST. 1963

BAR









Norganizzaw ikliet għall-gosti ta' kulħadd, bħal fenkati, bachelors u hens parties, birthdays u okkażjonijiet privati. Biex tibbukkjaw jew għal aktar informazzjoni, ikkuntattjawna fuq 9929 5415 jew fuq jfsuiga@gmail.com.

Segwuna wkoll fuq il-paġna ta' Facebook

Burmarrad